# Andrew Jħebb in-Nar

Adrian Grima

Fuq wara l-irdieden irvellati.
Ix-xrar iħebb fis-sema,
l-art bħal frak tal-welding amplifikat,
borra mxajtna,
xemx tixpakka f'salt.

Andrew quddiem it-tvenvin.
F'sidru x-xrar.
Vjola jiżbroffa f'aħdar,
roża f'abjad.
Ċrieki jtajru 'l xulxin,
it-tmien snin ta' Andrew ssummati,
il-ħiss tal-porvli u l-karta, iħiss ir-roti l-lejl.

Fil-għoli fuq quddiem, silwett imtebba' ġon-nirien,
il-ġuvni tal-irdieden,
bil-lanza kburija fix-xellugija,
l-esploratur quddiem il-kontinent il-ġdid,
il-ġeneral fuq il-kamp tal-battalja wara r-rebħa
u l-massakru,
il-ħġejjeġ u r-rima tad-duħħan,
il-putassa fgata ġo griżmejh.

Andrew jistenna l-ipnożi mill-ġdid tal-lejl
jinħaraq f'salt.
Imma ġa qed iriegħdu l-irdieden minn
posthom
u jerfgħuhom xi mkien.

Fuq is-sodda, sew wara nofsillejl,
jerġa' jara l-ilwien iħebbu għal xulxin.